VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,259, 30 ta' Mejju, 2014*
*Taqsima B*

**A.L. 184 tal-2014**

# ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET (KAP. 169)

## Ordni tal-2014 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2014 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 4).

Art speċifikata.

**2.** L-art deskritta fl-artikolu 4 hija b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.

Jum stabbilit.

**3.** Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' April, 2014 jitqiesu li bdew jitwettqu minn Malta Industrial Parks Limited (C 28965) kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza.

Deskrizzjoni.

**4.** L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni tikkonsisti f'biċċa art, inkluż kull bini li hemm fuqha, ġewwa x-Xewkija, Għawdex, li tidher immarkata bl-aħmar fuq il-pjanta PD2013_558, u dik il-pjanta ġiet transunta fl-Atti tan-Nutar Anthony Hili permezz ta' att pubbliku tas-17 ta' Marzu 2014.